



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

26.1.2011

B7-0084/2011

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsijiet b'talba għal tweġiba orali B7-0667/2010, B7-0801/2010, B7-0805/2010 u B7-0806/2010

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kriżi tal-iskart fir-reġjun ta' Campania

**Judith Merkies, Victor Bostinaru**  
fisem il-Grupp S&D

RE\855009MT.doc

PE455.913v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**B7-0084/2011**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kriżi tal-iskart fir-reġjun ta' Campania**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-Direttiva 75/442/KEE dwar l-iskart, b'mod partikulari l-Artikolu 4 tagħha,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 91/689/KEE fuq skart perikoluż, b'mod partikulari l-Artikolu 2 tagħha,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 99/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f' terraferma, b'mod partikulari l-Artikolu 11 u l-Anness II tagħha,
- wara li kkunsidra l-Qafas rivedut tad-Direttiva dwar l-iskart (2008/98/KE), b'mod partikulari l-Artikoli 17 u 18 tagħha,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Novembru 2003 dwar id-Direttiva Qafas dwar l-iskart<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 1998 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-direttivi dwar l-immaniġġjar tal-iskart<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma dwar il-missjoni għall-ġbir ta' fatti li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tiegħu għamel f'Campania, fl-Italja, bejn it-28 u t-30 ta' April 2010<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-liġi 123/2008 tar-Repubblika Taljana li ġiet promulgata fl-14 ta' Lulju 2008,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali,
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-kawża C-135/05 tas-26 ta' April 2007,
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-kawża C-297/08 tal-4 ta' Marzu 2010,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 191 u 260 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/35/KE li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent, b'mod

<sup>1</sup> Testi adottati, P5\_TA(2003)0508.

<sup>2</sup> ĠU C 313 12.10.1998, p. 0053-0099.

<sup>3</sup> PETI\_DT(2010)442870.

partikulari l-Artikolu 2 tagħha,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Aarhus,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kriżi tal-iskart fir-reġjun ta' Campania hi l-aktar kapitolu kumpless ta' storja ta' ġestjoni problematika tal-iskart f'ħafna partijiet tal-Italja u billi fis-snin disgħin ġiet iddikjarata emerġenza tal-iskart u nħatru Kummissarji tal-Gvern b'setgħat u fondi speċjali,
- B. billi d-digriet ta' liġi Taljan nru 195 tal-31 ta' Diċembru 2009 jiddikjara li l-istat ta' emerġenza ntemm u jiddelega l-ġestjoni taċ-ċiklu tal-iskart lill-Awtoritajiet Provinċjali; billi hu estremament diffiċli għall-provinċja ta' Napli - fejn, illum, jgħixu madwar 52% tal-popolazzjoni ta' Campania - li jkollha ġestjoni unita u awtonoma taċ-ċiklu tal-iskart,
- C. billi, fil-5 ta' Ottubru 2010, Dokument ta' Ħidma li rrapporta dwar il-missjoni għall-ġbir ta' fatti f'Campania, fl-Italja, bejn it-28 u t-30 ta' April 2010, bħala riżultat tad-diversi petizzjonijiet li tressqu matul iż-żmien dwar il-problemi tal-ġestjoni tal-iskart fir-reġjun, għe adottat kważi unanimament mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet ta' dan il-Parlament,
- D. billi, fit-tliet wara l-adozzjoni tar-rapport dwar il-missjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, faqqgħet kriżi għida wara dik tas-sajf tal-2007 u għe ddikjarat stat ta' emerġenza għid; billi, wara li tħabbu l-miżuri eċċezzjonali konsegwenti, bħall-ftuħ ta' landfills ġodda, kien hemm protesti massivi,
- E. billi s-soluzzjoni inizjali li jiġu prodotti "ekobalal" u skart organiku, eventwalment, saret b'mod inkorrett u b'hekk ikkawżat sitwazzjoni fejn il-balal tal-iskart ma setgħux jiġu eliminati; billi, minħabba n-nuqqas ta' filtraġġ jew għażla tal-iskart, hu stmat li għad fadal aktar minn sitt miljun ekoballa ta' kwalità inferjuri,
- F. billi l-ewwel inċineratur f'Acerra beda jiffunzjona biss f'Marzu 2010 imma t-tħaddim tiegħu bata minħabba n-nuqqas tal-infrastruttura xierqa għas-separazzjoni u t-trattament tal-iskart u għad fadal tħassib dwar id-destin tal-irmied tossiku li jirriżulta mill-inċinerazzjoni,
- G. billi l-progress fit-tnaqqis tal-iskart u r-riċiklaġġ tal-iskart domestiku kien minimu u l-iskart domestiku u ta' tip ieħor għadu jasal fil-landfills b'mod indiskriminat u f'xi każi jidher li qed jitħallat ma' tipi differenti ta' skart industrijali;
- H. billi ħafna landfills għew iddikjarati żoni ta' interess strateġiku, u għaldaqstant iċ-ċittadini u l-awtoritajiet lokali, inklużi l-pulizija twaqqfu milli jivverifikaw dak li tabilħaqq jasal hemm; billi l-landfills huma mmexxija privatament mingħajr il-liċenzji jew il-permessi xierqa biex jikkonformaw kompletament mal-qafas legali,
- I. billi, skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, iċ-ċittadini għandhom id-dritt li jkunu informati dwar is-sitwazzjoni fit-territorju tagħhom u hu d-dmir tal-awtoritajiet li jipprovdu l-informazzjoni u li jimmotivaw liċ-ċittadin biex jiżviluppa attitudni u mgħiba responsabbli; billi, f'konformità mad-Direttiva 2003/35/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrin u effikaċi biex jieħu sehem fit-tħejjija u l-

modifika jew ir-rieżami tal-pjanijiet jew il-programmi li hemm bżonn jitfasslu,

- J. billi è-ċittadini li pprotestaw kontra s-sitwazzjoni jew li ppruvaw jipproponu approċċi alternattivi ma ngħatawx l-attenzjoni xierqa; billi r-reazzjoni ewlenija min-naħa tal-awtoritajiet politiċi nazzjonali kienet li s-siti tal-iskart u l-inċineratur ta' Acerra jitqiegħdu taħt il-kontroll strett tal-armata; billi dan l-aħħar saru xi arresti waqt dimostrazzjonijiet pubbliċi dwar il-kwistjoni, u jidher ċar li saret ħsara għar-relazzjoni bejn è-ċittadini u l-awtoritajiet u li l-iskuntentizza ċivili tiżdied biż-żmien,
- K. billi, fl-2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet tissospendi l-ħlas ta' €135 miljun f'kontribuzzjonijiet mill-perjodu ta' finanzjament 2006-2013 għal proġetti relatati mal-iskart u ta' €10.5 miljun oħra mill-perjodu ta' finanzjament 2000-2006 sa meta tiġi abolita l-istruttura tal-kummissarji,
- L. billi l-progress fit-tnaqqis tal-iskart u r-riċiklaġġ tal-iskart domestiku kien minimu u è-ċiklu attwali tal-iskart għadu jiddependi ħafna fuq il-landfills u l-inċinerazzjoni, fatt li jmur kontra l-linji gwida tad-Direttiva Qafas il-ġdida dwar l-iskart (2008/98/KE); billi għad m'hemm l-ebda pjan koerenti għall-ġestjoni tal-iskart fir-reġjun li jikkonforma mal-prinċipji fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart, la fir-rigward tal-ġerarkija ta' trattament, lanqas fir-rigward tal-użu ta' landfills jew inċinerazzjoni b'sikurezza, u l-iskart għadu jasal fil-landfills b'mod indiskriminat u f'xi każi jidher li qed jitħallat ma' tipi differenti ta' skart industrijali,
- M. billi l-kwalità tal-iskart domestiku u r-rimi ta' skart perikoluż f'siti illegali mhumiex ivverifikati u l-fatt li l-fatturi ġeoloġiċi u idroloġiċi ma tqisux kif jixraq meta ġie deċiż li l-landfills jitqiegħdu f'siti bħal Chiaiano wassal għal riskji għoljin ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tas-sorsi tal-ilma minn taħt l-art tal-madwar; billi dan il-fatt qed jikser l-Artikoli 17 u 18 tad-Direttiva Qafas dwar l-iskart u anke d-Direttiva dwar il-Landfills,
- N. billi l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tas-26 ta' April 2007 għall-kawża C-135/05, iddikjarat li, meta naqset milli tadotta l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura, b'mod partikulari, li l-iskart jiġi rkuprat jew eliminat mingħajr periklu għas-saħħa umana u mingħajr ma jintużaw proċessi jew metodi li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-ambjent u milli tipprojbixxi l-abbandon, ir-rimi jew l-eliminazzjoni bla rażan tal-iskart, inter alia, ir-Repubblika Taljana naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-leġiżlazzjoni Komunitarja; billi, fis-sentenza riċenti tagħha tal-4 ta' Marzu 2010 fil-kawża C-297/08, iddikjarat li, meta naqset milli tadotta l-miżuri kollha meħtieġa għar-reġjun ta' Campania, ir-Repubblika Taljana naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2006/12/KE,
- O. billi dan il-Parlament, fir-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 1998 dwar l-applikazzjoni tad-direttivi dwar l-immaniġġjar tal-iskart, diġà talab li jinbdew b'mod sistematiku proċedimenti ta' ksur kontra l-Istati Membri li jonqsu milli jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn id-direttivi u li kull tliet xhur tiġi pprovduta lista tal-kawżi diġà deċiżi mill-Qorti u lista tal-multi imposti mill-Qorti u, fir-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Novembru 2003 dwar ir-rapport ta' segwitu dwar id-Direttiva Qafas dwar l-iskart, talab li jkun hemm monitoraġġ u koordinament bir-reqqa u konsistenti tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ dwar l-iskart,

1. Jappella biex tiġi identifikata b'mod urġenti soluzzjoni sostenibbli li tissodisfa l-kriterji tal-UE, speċifikament l-implimentazzjoni ta' pjan għall-ġestjoni tal-skart fejn, skont id-Direttiva 2008/98/KE, ir-rispett għall-ġerarkija taċ-ċiklu tal-iskart jikkostitwixxi bażi kruċjali; jitlob lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament informat;
2. Ifakkar li l-konformità mal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart fir-reġjun ta' Campania tirrikjedi sforz enerġetiku ħafna biex jitnaqqas il-volum tal-skart u jkun hemm xaqliba lejn il-prevenzjoni, it-tnaqqis, l-użu mill-ġdid u r-reċiklaġġ tal-iskart, billi tiġi pprovduta l-infrastruttura adegwata u jinnota li għandha titqiegħed enfasi ikbar fuq l-irkupru tal-iskart organiku partikolarment f'dan ir-reġjun li fil-biċċa l-kbira tiegħu hu agrikolu; jirrakkomanda li d-data tiġi vverifikata u li tiġi stabbilita sistema ta' skambji tal-aħjar prattiki;
3. Jikkunsidra li l-miżuri dejjiema ta' eċċezzjonalità meħuda mill-awtoritajiet Taljani, inkluża l-ħatra ta' kummissarji speċjali jew l-identifikazzjoni ta' siti tal-iskart bħala "ta' interess strateġiku" taħt il-kontroll tal-armata kienu kontroproduttivi u jibża li l-opaċità stabbilita fil-ġestjoni tal-iskart mill-istituzzjonijiet pubbliċi ffaċilitat iktar milli waqqfet iż-żieda fil-preżenza ta' gruppi tal-kriminalità organizzata, kemm fil-ġestjoni uffiċjali tal-iskart fir-reġjun kif ukoll fir-rimi illegali tal-iskart industrijali; jitlob, għalhekk, għal trasparenza ħafna akbar min-naħa tad-diversi awtoritajiet responsabbli;
4. Jenfasizza l-importanza li terġa' tinbena l-fiduċja permezz ta' dialogu strutturat li jinvolvi liċ-ċittadini u lid-diversi awtoritajiet u bejn il-livelli differenti tal-gvern, f'qafas strutturat; jiddispaċiħ dwar il-fatt li l-awtoritajiet inkriminaw lil xi ċittadini li kienu qed pprotestaw b'mod paċifiku kontra l-ftuħ ta' landfills ġodda u l-vjolenza li ħabbtu wiċċhom magħha mill-korpi tas-sigurtà;
5. Itenni l-fatt li l-fondi strutturali se jibqgħu imblukkati sakemm jiġi ppreżentat pjan għall-ġestjoni tal-iskart li jkun konformi mal-leġislazzjoni tal-UE;
6. Juri t-tħassib tiegħu dwar is-7 miljun tunnellata ta' 'ekobalal', li attwalment qed jiġi eżaminat il-kontenut tagħhom, akkumulati f'siti tal-ħażna, partikolarment fis-sit Taverna del Re, u jenfasizza l-importanza tal-prijoritizzazzjoni tat-tneħħija u l-eliminazzjoni tagħhom meta l-kontenut preċiż tagħhom ikun ġie evalwat sew; jinsisti li l-eliminazzjoni tal-ekobalal trid issegwi t-trattament xieraq<sup>1</sup> u għandha tiġi indirizzata fl-ambitu tal-pjan għall-ġestjoni tal-iskart, li jkun jistabbilixxi b'mod ċar is-siti għal kull fażi ta' trattament u jkun ibbażat fuq prattiki legali;
7. Jinnota li hemm bżonn ta' attenzjoni urġenti għar-rimi bil-miftuħ u illegali ta' skart imħallat u mhux identifikat ħdejn is-sit ta' Ferandelle, u jitlob li jiġu infurzati kontrolli stretti fuq il-ġestjoni; ifakkar lill-awtoritajiet kompetenti li, f'konformità sħiħa mad-Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis, li attwalment qed tiġi riveduta, iridu jistabbilixxu kontroll strett fuq l-ittrattar tat-tipi speċifiċi ta' skart industrijali, hi x'inhil l-orijini tiegħu; jirrimarka wkoll li jridu jiġu stabbiliti siti indikati

---

<sup>1</sup> Għal dawk l-iktar ġodda, f'dan il-punt, l-inċinerazzjoni f'impjanti speċjalizzati tidher li hi l-uniku mezz prattiku, filwaqt li għandha tiġi riabilitata b'mod xieraq iż-żona tar-rimi attwali; għall-iskart pendenti 'mmummifikat', l-inċinerazzjoni mhijiex possibbli, u għalhekk għandu jintrema fis-siti ta' landfills akkreditati uffiċjalment biss, b'mod kompatibbli mad-Direttiva tal-Landfills tal-UE.

apposta li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi tal-UE, waqt li jiġi żgurati li tiġi żviluppata infrastruttura xierqa għall-iskart industrijali, speċjali u tossiku; jitlob spjegazzjoni għan-nuqqas ta' użu tas-sit ipplanat biex jirċievi l-iskart organiku u jirrikjedi li jibda jiffunzjona, sakemm jissodisfa l-kriterji stabbiliti mid-Direttiva dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart;

8. Jiddispijaci h dwar il-fatt li nfetħu landfills f'żoni naturali protetti fil-Park Nazzjonali tal-Vessuvju, bħal f'Terzigno; jopponi bis-saħħa kull pjan għall-estensjoni ta' dawn is-siti ta' landfills u jilqa' d-deċiżjoni li ma tinfetax tieni *landfill* f'Terzigno (Cava Vitiello); jipproponi lill-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja għal inġunzjoni jekk jiġu estiżi il-landfills eżistenti f'żoni naturali protetti jew jekk jinfetħu oħrajn ġodda fis-siti ta' Natura 2000;
9. Jinnota li l-Kummissjoni ddikjarat li t-tqegħid ta' landfills fis-siti ta' Natura 2000 mhux minnu nnifsu ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE u jinnota wkoll li ż-żoni li ġew identifikati jew li diġà qed jintużaw fil-parki nazzjonali, fis-siti ta' Natura 2000, kif ukoll fiż-żoni ta' patrimonju tal-UNESCO huma konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE; jesprimi d-dubbi tiegħu dwar jekk dan jikkawżax riskji ekoloġiċi jew riskji għas-saħħa; il-Parlament hu tal-fehma li l-landfills fis-siti naturali jew kulturali huma inkompatibbli mal-leġiżlazzjoni ambjentali; jitlob lill-Kummissjoni temenda l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart sabiex il-landfills fis-siti ta' Natura 2000 ikunu kategorikament ipprojbiti;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel ħilitha fil-limiti tal-kompetenzi tagħha sabiex tikkontrolla li l-awtoritajiet kompetenti fl-Italja effettivament jiżguraw li l-iskart jinġabar, jiġi separat u jiġi trattat kif suppost, pereżempju permezz ta' spezzjonijiet sistematiki, u li jiġi ppreżentat pjan kredibbli mill-awtoritajiet reġjonali;
11. Jisħaq fuq il-fatt li d-disinn u l-implimentazzjoni taċ-ċiklu tal-iskart huma r-responsabbiltà tal-awtoritajiet Taljani; jikkunsidra li l-piż tat-tindif tas-siti f'Campania li ġew ikkontaminati bit-tniġġis mid-diversi forom ta' skart m'għandux jiġġarrab minn min iħallas it-taxxi imma, f'konformità mal-prinċipju li min iniġġes iħallas, minn dawk responsabbli għat-tniġġis;
12. Jinnota li l-Italja ma nnotifikatx it-traspożizzjoni tagħha tad-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali fi żmien l-iskadenza tas-26 ta' Diċembru 2010 imma jistenna li l-Italja tikkonforma kompletament mad-direttiva u tapplika s-sanzjonijiet xierqa għar-reati relatati mal-iskart elenkati fid-direttiva anke lill-persuni ġuridiki meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet għal dan;
13. Jistieden lill-Kummissjoni tikkontrolla li l-awtoritajiet ta' Campania jikkonformaw mingħajr dewmien fir-rigward tal-proċeduri ta' ksur, skont l-Artikolu 260 tat-TFUE, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti pieni li jiżguraw li l-awtoritajiet Taljani jikkonformaw mas-sentenza tal-Qorti, partikolarment billi jkun żgurati li l-landfills eżistenti jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE;
14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvern u l-Kmamar tal-Parlament tal-Italja.